# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Disgħa (9) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 755/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Westminster Properties Limited**
**(C 39022)**

**Vs**

**Meeting Point Malta Limited**
**(C 41046)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Lulju 2024, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha David Gatt, talbet s-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta konvenuta intimata għandha tħallas lis-soċjeta attriċi rikorrenti s-somma ta' €36,132 (sitta u tletin elf mija u tnejn u tletin Euro), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' akkommodazzjoni fornuta lis-soċjeta intimata, kif jidher mill-istatements tas-soċjeta' attriċi, hawn anness bħala Dok "A" "B" u "C";*

   2. *Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpellata, is-soċjeta' konvenuta intimata baqgħet inadempjenti;*

   3. *Illi fil-fehma tas-soċjeta' attriċi rikorrenti s-soċjeta konvenuta intimata m'għandhiex eċċezzjoni valida x'tagħti kontra din l-azzjoni u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex it-talbiet tas-soċjeta' attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12):*

*Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti :*

*(1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

*(2) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta intimata tħallas lis-soċjeta attriċi rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' €36,132 (sitta u tletin elf mija u tnejn u tletin Euro) liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' akkomodazzjoni fornuta lis-soċjeta' intimata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta' konvenuta intimata li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-19 ta' Lulju 2024 il-kawża ġiet appuntata għad-9 ta' Ottubru 2024 fid-09.30am.

3. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2024, is-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata.

4. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2024, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota fejn irriduċiet it-talba rikorrenti għas-somma ta' €35,168.10 (ħamsa u tletin elf, mija u tmienja u sittin Euro u għaxar ċenteżmi).

5. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2024, deher Kevin Paris, għas-soċjeta intimata, debitament assistit, li bil-ġurament xehed u, għan-nom tas-soċjeta' intimata ammetta t-talba kif ridotta mis-soċjeta rikorrenti seduta stante.

6. Rat illi għalhekk il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-kawża setgħet tmur għas-sentenza.

7. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet posposta għas-sentenza ghal-lum stess.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Wara illi rat in-nota ta' riduzzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti w l-ammissjoni ta' parte tas-soċjeta' intimatċ tramite r-rappreżentant tagħha Kevin Paris;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba rikorrenti, kif ridotta.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata Meeting Point Malta Limited tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Westminster Properties Limited, is-somma ta' €35,168.10 (ħamsa u tletin elf, mija u tmienja u sittin Euro u għaxar ċenteżmi), rappreżentanti bilanċ mhux imħallas għall-akkomodazzjoni fornuta lis-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kif mitluba mis-soċjeta rikorrenti, a kariku tas-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**